MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Numru 12/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Jason Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 12 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Jason Cassar, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-bidu tas-sena elfejn u sebgha (2007), l-akkuzat Jason Cassar ftiehem ma' zewg persuni f'Malta sabiex matul ix-xahar t'April tas-sena 2007 imur jiltaqa ma' ragel fi Sqallija sabiex minghand dan ir-ragel fi Sqallija jircievi d-droga *ecstasy* billi jigbor minghandu basket li kellu jkun fih il-pilloli *ecstasy* fi kwantita kbira ta' madwar disa w ghoxrin elf pillola *ecstasy*. Cassar ftiehem ukoll li jittrasporta dawn il-pilloli ta' l-*ecstasy* hawn fuq imsemmija lejn Malta, sabiex ikunu jistghu jigu konsenjati w imqasmin f'Malta.

Cassar ftiehem li biex imur fi Sqallija huwa l-ewwel kellu jiehu titjira lejn Brussel, fil-Belgju; minn Brussel kellu jmur bil-ferrovija lejn Munich fil-Germanja; minn Munich kellu jaqbad ferrovija ohra lejn Bologna fl-Italja w minn Bologna kellu jaqbad ferrovija ohra lejn Sqallija. L-iskop ta' dan it-tragitt daqstant kumplikat biex minn Malta jiehdu lejn Sqallija, kien biex kemm jista jkun ma jaghtix fil-ghajn u jqajjem suspett fuqu fir-rigward ta' fejn fil-fatt ried jasal u r-raguni ghaliex ried jasal hemmhekk.

Minn Sqallija, Cassar kellu ghalhekk jiehu l-konsenja ta' dawn il-pilloli *ecstasy* hawn fuq imsemmija minghand dan ir-ragel f'Catania w wara jittrasporta l-istess pilloli *ecstasy* u jimportahom f'Malta. L-akkuzat ftiehem ukoll li wara li jkun wasal f'Malta minn Sqallija b'dawn il-pilloli *ecstasy*, l-akkuzat kellu jikkonsenjhom, jipprovdihom u jiddistribwihom lil dawk iz-zewg persuni f'Malta li kien ftiehem maghhom originarjament.

Ghal dan is-servizz li kellu jirrendi l-akkuzat huwa kellu jithallas is-somma ta' ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000), cioe' madwar tlieta u ghoxrin elf, mitejn tlieta w disghin Ewro w tlieta w sebghin Ewro centezmi (€23,293.73). Il-kumpens tieghu hawn fuq imsemmi kellu jithallas lilu minghand dawn iz-zewg persuni f'Malta.

L-imsemmi Jason Cassar ma kienx licenzjat skond il-ligi biex ibiegh jew jitraffika medicina ristretta w/jew psikotropika f'Malta.

In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, ghalhekk ghal habta tal-15 t'April 2007 l-akkuzat beda l-vjagg tieghu lejn Brussel fil-Belgju li sussegwentement wasslu lejn Sqallija, fejn ghal habta tat-18 t'April 2007, iltaqa ma' ragel f'Catania w minghandu gabar il-pilloli ta' l-*ecstasy,* liema pilloli garrhom f'bagalja. Wara li rcieva l-konsenja ta' dawn il-pilloli *ecstasy*, l-akkuzat telaq minn Sqallija w dahal Malta; mhux maghruf x'mezz uza Cassar biex dahal f'Malta, ghaliex ma setghu jigu identifikati ebda mezzi ufficjali li bihom Cassar seta wasal Malta minn Sqallija. Biss b'xi mod Cassar qasam il-fliegu bejn Sqallija

w Malta, dahal f'Malta, w mieghu gab il-kwantita enormi ta' pilloli *ecstasy* hawn fuq imsemmija.

Dawn il-pilloli *ecstasy* fil-fatt instabu f'Malta, fir-residenza ta' l-istess akkuzat. Fiz-zmien meta dawn l-operazzjonijiet illegali imwettqa minn Cassar kienu qed issehhu, l-Pulizija kienet irceviet informazzjoni relatata ma' dawn l-istess operazzjonijiet. Fil-fatt il-Pulizija Maltija bdiet taghmel sorveljanza fl-akkwati ta' dik li kienet ir-residenza ta' l-akkuzat cioe Kingsland Flats, Flat 5A, Triq it-Turisti, l-Qawra. Fl-24 t'April 2007, l-akkuzat gie mwaqqaf mill-Pulizija w saret tfitxija f'din ir-residenza tieghu hawn fuq imsemmija fejn mohbija f'basket iswed (travelling case), kif ukoll fuq il-fridge w kif ukoll fil-kamra tas-sodda nstabu s-sewgenti pilloli *ecstasy* :

(a) madwar 28,820 pillola w nofs pillola, li fihom instabet is-sustanza MDMA;

(b) tlett pilloli, li fihom kien hemm is-sustanza MDMA w mCPP (li kellhom lewn isfar u rosa bis-sinjal tad-dollaru Amerikan fuqhom),

(c) kif ukoll 17.423 grammi ta' trab abjad, li fih instabet is-sustanza MDMA, liema trab irrizulta li kienu pilloli imfarrkin (u li minnhom setghu jinhargu 83 pilloli ohrajn).

Dawn is-sustanzi MDMA w mCPP huma kollha misjubin fil-pilloli ta' l-*ecstasy* u dan kollu gie konfermat minn analizi w ezamijiet xjentifici li saru wara minn esperti forensici.

Dawn il-pilloli w trab abjad misjub kellhom il-valur fis-suq ta' bejn mija tlieta w sebghin elf, erbgha mija sitta w tletin Ewro (€173,436) (gja ekwivalenti ghal circa erbgha w sebghin elf, erba mija hamsa w sittin Liri Maltin u sebgha centezmi [Lm74,465.07]) u erba mija w erbat elef, sitt mija erba w tmenin Ewro (€404, 684) (gja ekwivalenti ghal mija tlieta w sebghin elf, sebgha mija w tletin Liri Maltin [Lm173,730]).

Is-sustanzi MDMA w mCPP (li jinstabu fil-pilloli *ecstasy*) huma kontrollati bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-Sustanza MDMA hija klassifikata bhala medicina ristretta w psikotropika

msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini w fit-Tielet Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha filwaqt li s-sustanza MCPP hija klassifikata bhala medicina psikotropika imsemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Jason Cassar sar hati talli fl-24 t’April 2007 u fil-granet u gimghat precedenti assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’Malta (u cioe’ is-sustanzi MDMA w mCPP li nstabu fil-pilloli *ecstasy* bil-modalitajiet, il-kwantitajiet u l-valuri aktar il-fuq imsemmija) w dan kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha, jew ippromova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti w għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, akkuza lill-imsemmi Jason Cassar talli, fl-24 t’April 2007 u fil-granet u gimghat precedenti assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’Malta (u cioe’ :
(a) madwar 28,820 pillola w nofs pillola, li fihom instabet is-sustanza MDMA;
(b) tlett pilloli, li fihom kien hemm is-sustanza MDMA w mCPP (li kellhom lewn isfar u rosa bis-sinjal tad-dollaru Amerikan fuqhom),
(c) kif ukoll 17.423 grammi ta’ trab abjad, li fih instabet is-sustanza MDMA, liema trab irrizulta li kienu pilloli imfarrkin (u li minnhom setghu jinhargu 83 pilloli ohrajn)
u dan kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha (Kap. 31), jew ippromova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghall-ghomru w multa ta’ mhux inqas minn (€2329.37)

elfejn tlett mija disgha w ghoxrin Ewro w sebgha w tletin Ewro centezmi) izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf, erbgha mija tmienja w sittin Ewro sebgha w sittin Ewro centezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B), 120B, u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-bidu tas-sena elfejn u sebgha (2007), l-akkuzat Jason Cassar iddecieda li jimporta f'Malta d-droga *ecstasy*.

Cassar ftiehem ma' zewg persuni f'Malta sabiex matul ix-xahar t'April tas-sena 2007 imur jiltaqa ma' ragel fi Sqallija sabiex minghandu jircievi d-droga *ecstasy* billi jigbor basket li kellu jkun fih il-pilloli *ecstasy* fi kwantita kbira ta' madwar disgha w ghoxrin elf pillola *ecstasy*. Cassar ftiehem ukoll li jittrasporta dawn il-pilloli ta' l-*ecstasy* hawn fuq imsemmija lejn Malta, sabiex ikunu jistghu jigu konsenjati w imqasmin f'Malta.

In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, ghalhekk ghal habta tal-15 t'April 2007 l-akkuzat beda l-vjagg tieghu lejn Brussel fil-Belgju li sussegwentement waslu lejn Sqallija, fejn ghal habta tat-18 t'April 2007 iltaqa ma' ragel f'Catania w minghandu gabar il-pilloli ta' l-*ecstasy,* liema pilloli garrhom f'bagalja. Wara li rcieva l-konsenja ta' dawn il-pilloli *ecstasy*, l-akkuzat telaq minn Sqallija, wasal u dahal Malta; mhux maghruf x'mezz uza Cassar biex dahal f'Malta, ghaliex ma setghu jigu identifikati ebda mezzi ufficjali li bihom Cassar seta wasal Malta minn Sqallija. Biss li hu zgur hu li b'xi mod Cassar qasam il-fliegu bejn Sqallija w Malta, dahal f'Malta, w

mieghu gab il-kwantita enormi ta’ pilloli *ecstasy* hawn fuq imsemmija.

Wara li kien wasal Malta b’dawn il-pilloli, l-akkuzat kien miftiehem li jikkonsenja, jipprovdi w jiddistribwixxi l-istess pilloli lil dawk iz-zewg persuni li maghhom kien ftiehem li jimporta l-istess pilloli *ecstasy* lejn Malta minn Sqallija.

Ghal dan is-servizz li kellu jirrendi l-akkuzat huwa kellu jithallas is-somma ta’ ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000), cioe’ madwar tlieta w ghoxrin elf, mitejn tlieta w disghin Ewro w tlieta w sebghin Ewro centezmi (€23,293.73). Il-kumpens tieghu hawn fuq imsemmi kellu jithallas lilu minghand dawn iz-zewgt persuni f’Malta.

L-imsemmi Jason Cassar ma kienx licenzjat skond il-ligi biex ibiegh jew jitraffika medicina ristretta w/jew psikotropika f’Malta.

Dawn il-pilloli *ecstasy* fil-fatt instabu f’Malta, fir-residenza ta’ l-istess akkuzat. Il-Pulizija kienet irceviet informazzjoni dwar dawn l-operazzjonijiet illegali w bdiet taghmel sorveljanza fl-akkwati ta’ dik li kienet ir-residenza ta’ l-akkuzat cioe’ Kingsland Flats, Flat 5A, Triq it-Turisti, l-Qawra. Fl-24 t’April 2007 l-akkuzat gie mwaqqaf mill-Pulizija w saret tfittxija f’din ir-residenza tieghu hawn fuq imsemmija fejn mohbija f’basket iswed (travelling case), kif ukoll fuq il-fridge w kif ukoll fil-kamra tas-sodda nstabu s-sewgenti pilloli *ecstasy* :
(a) madwar 28,820 pillola w nofs pillola li fihom instabet is-sustanza MDMA;
(b) tlett pilloli li fihom kien hemm is-sustanza MDMA w mCPP (li kellhom lewn isfar u rosa bis-sinjal tad-dollaru Amerikan fuqhom),
(c) kif ukoll 17.423 grammi ta’ trab abjad li fih instabet is-sustanza MDMA, liema trab irrizulta li kienu pilloli imfarrkin (u li minnhom setghu jinhargu 83 pilloli ohrajn).

Dawn is-sustanzi MDMA w mCPP huma kollha misjubin fil-pilloli ta’ l-*ecstasy* u dan kollu gie konfermat minn analizi w ezamijiet xjentifici li saru wara minn esperti forensici.

Dawn il-pilloli w trab abjad misjub kellhom il-valur fis-suq ta’ bejn mija tlieta w sebghin elf, erbgha mija sitta w tletin Ewro (€173,436) (gja ekwivalenti ghal circa erbgha w sebghin elf, erba mija hamsa w sittin Liri Maltin u sebgha centezmi [Lm74,465.07]) u erba mija w erbat elef, sitt mija erba w tmenin Ewro (€404,684) (gja ekwivalenti ghal mija tlieta w sebghin elf, sebgha mija w tletin Liri Maltin [Lm173,730]).

Is-sustanzi MDMA w mCPP (li jinstabu fil-pilloli *ecstasy*) huma kontrollati bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta. Is-Sustanza MDMA hija klassifikata bhala medicina ristretta w psikotropika msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini w fit-Tielet Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha filwaqt li s-sustanza mCPP hija klassifikata bhala medicina psikotropika imsemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Jason Cassar sar hati talli, fix-xahar t’April 2007, u b’mod partikolari fl-24 t’April 2007 u fil-granet u gimghat precedenti importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w/jew psikotropika (u cioe’ is-sustanzi MDMA w mCPP li nstabu fil-pilloli *ecstasy* bil-modalitajiet, il-kwantitajiet u l-valuri aktar il-fuq imsemmija) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika;

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti w għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, akkuza lill-imsemmi Jason Cassar talli fix-xahar t’April 2007, u b’mod partikolari fl-24 t’April 2007 u fil-granet u gimghat precedenti importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w/jew psikotropika (u cioe’ :

(a) madwar 28,820 pillola w nofs pillola, li fihom instabet is-sustanza MDMA;
(b) tlett pilloli, li fihom kien hemm is-sustanza MDMA w mCPP (li kellhom lewn isfar u rosa bis-sinjal tad-dollaru Amerikan fuqhom),
(c) kif ukoll 17.423 grammi ta' trab abjad, li fih instabet is-sustanza MDMA, liema trab irrizulta li kienu pilloli imfarkin (u li minnhom setghu jinhargu 83 pilloli ohrajn) u dan minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika w dan kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31) u talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru w multa ta' mhux inqas minn (€2329.37) elfejn tlett mija disgha w ghoxrin Ewro w sebgha w tletin Ewro centezmi) izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf, erbgha mija tmienja w sittin Ewro sebgha w sittin Ewro centezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B), 120B, u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 18, 23, 23A, 23B u 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-24 t'April 2007 u fil-granet u gimghat precedenti l-akkuzat Jason Cassar kellu fil-pussess tieghu numru kbir ta' pilloli ta' l-*ecstasy*.

Din id-droga kienet intiza biex tigi konsenjata, provduta w distribwita lil zewg persuni f'Malta bil-ghan li eventwalment tigi mibjugha w traffikata. Fortunatament wara senjalazzjoni li kienu ghaddejjin dawn attivitajiet illegali, il-Pulizija Maltija bdiet taghmel sorveljanza fl-akkwati ta' dik li kienet ir-residenza ta' l-akkuzat cioe Kingsland Flats,

Flat 5A, Triq it-Turisti, l-Qawra. Fl-24 t'April 2007 l-akkuzat gie mwaqqaf mill-Pulizija w saret tfitxija f'din ir-residenza tieghu hawn fuq imsemmija fejn mohbija f'basket iswed (travelling case), kif ukoll fuq il-fridge w kif ukoll fil-kamra tas-sodda instabu s-sewgenti pilloli *ecstasy* :

(a) madwar 28,820 pillola w nofs pillola li fihom instabet is-sustanza MDMA;

(b) tlett pilloli li fihom kien hemm is-sustanza MDMA w mCPP (li kellhom lewn isfar u rosa bis-sinjal tad-dollaru Amerikan fuqhom),

(c) kif ukoll 17.423 grammi ta' trab abjad li fih instabet is-sustanza MDMA, liema trab irrizulta li kienu pilloli imfarkin (u li minnhom setghu jinhargu 83 pilloli ohrajn).

Dawn is-sustanzi MDMA w mCPP huma kollha misjubin fil-pilloli ta' l-*ecstasy* u dan kollu gie konfermat minn analizi w ezamijiet xjentifici li saru wara minn esperti forensici.

Dawn il-pilloli w trab abjad misjub kellhom il-valur fis-suq ta' bejn mija tlieta w sebghin elf, erbgha mija sitta w tletin Ewro (€173,436) (gja ekwivalenti ghal circa erbgha w sebghin elf, erba mija hamsa u sittin Liri Maltin u sebgha centezmi [Lm74,465.07]) u erba mija w erbat elef, sitt mija erba w tmenin Ewro (€404, 684) (gja ekwivalenti ghal mija tlieta w sebghin elf, sebgha mija w tletin Liri Maltin [Lm173,730]).

Is-sustanzi MDMA w mCPP (li jinstabu fil-pilloli *ecstasy*) huma kontrollati bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-Sustanza MDMA hija klassifikata bhala medicina ristretta w psikotropika msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini w fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha filwaqt li s-sustanza mCPP hija klassifikata bhala medicina psikotropika imsemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Jason Cassar sar hati talli, fl-24 t'April 2007 u fil-granet u gimghat precedenti importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta (u cioe' is-sustanzi MDMA w mCPP li nstabu fil-pilloli *ecstasy* bil-modalitajiet, il-kwantitajiet u l-valuri aktar il-fuq imsemmija) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika; w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Jason Cassar talli fl-24 t'April 2007 u fil-granet u gimghat precedenti importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta (u cioe' :
(a) madwar 28,820 pillola w nofs pillola, li fihom instabet is-sustanza MDMA;
(b) tlett pilloli, li fihom kien hemm is-sustanza MDMA w mCPP (li kellhom lewn isfar u rosa bis-sinjal tad-dollaru Amerikan fuqhom),
(c) kif ukoll 17.423 grammi ta' trab abjad, li fih instabet is-sustanza MDMA, liema trab irrizulta li kienu pilloli imfarkin (u li minnhom setghu jinhargu 83 pilloli ohrajn) u dan minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika w dan kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31) u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu;
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru w multa ta' mhux inqas minn (€2329.37) elfejn tlett mija disgha w ghoxrin Ewro w sebgha w tletin Ewro centezmi) izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf, erbgha mija tmienja w sittin Ewro sebgha w sittin Ewro centezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B), 120B, u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31),

ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 18, 23, 23A, 23B u 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fi, u matul il-perjodu sa' hames snin qabel l-24 t'April 2007, l-akkuzat Jason Cassar kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina. L-akkuzat kien fil-pussess ta' din id-droga f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Jason Cassar sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Jason Cassar talli fi, w matul il-perjodu sa' hames snin qabel l-24 t'April 2007, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija

mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija;
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tnax-il xahar u mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn erba’ mija w hamsa w sittin euro w sebgha w tmenin centezmu (€465.87) izda mhux izjed minn tlieta w ghoxrin elf, mitejn u tlieta w disghin euro w tlieta w sebghin centezmu (€23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii) (3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A, u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), fir-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta’ l-1939) u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors tad-9 t’Ottubru, 2009, ipprezentat mill-Avukat Generali w mill-akkuzat Jason Cassar, fejn, a tenur tal-artikolu 453A (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, talbu li, fl-eventwalita’ ta’ ammissjoni da parti tal-akkuzat, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu ghandha tkun ta’ prigunerija ghall-periodu ta’ sittax (16) il-sena w multa ta’ hamsa w tletin elf Ewro (Ewro 35,000), oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni ta’ sejbien ta’ htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta, inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjez u tal-proprjeta’ immobbli w mobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, wara li l-Qorti spjegat lill-akkuzat bi kliem car x’ikunu il-konsegwenzi tat-talba

tieghu kontenuta fir-rikors fuq imsemmi, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lill-akkuzat Jason Cassar hati talli :-
1. fl-24 t'April 2007 u fil-granet u gimghat precedenti assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'Malta (u cioe' :
(a) madwar 28,820 pillola w nofs pillola, li fihom instabet is-sustanza MDMA;
(b) tlett pilloli, li fihom kien hemm is-sustanza MDMA w mCPP (li kellhom lewn isfar u rosa bis-sinjal tad-dollaru Amerikan fuqhom),
(c) kif ukoll 17.423 grammi ta' trab abjad, li fih instabet is-sustanza MDMA, liema trab irrizulta li kienu pilloli imfarkin (u li minnhom setghu jinhargu 83 pilloli ohrajn)
u dan kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;
2. fl-24 t'April 2007 u fil-granet u gimghat precedenti importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w/jew psikotropika (u cioe' :
(a) madwar 28,820 pillola w nofs pillola, li fihom instabet is-sustanza MDMA;
(b) tlett pilloli, li fihom kien hemm is-sustanza MDMA w mCPP (li kellhom lewn isfar u rosa bis-sinjal tad-dollaru Amerikan fuqhom),
(c) kif ukoll 17.423 grammi ta' trab abjad, li fih instabet is-sustanza MDMA, liema trab irrizulta li kienu pilloli imfarkin (u li minnhom setghu jinhargu 83 pilloli ohrajn) u dan minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika w dan kontra d-

disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha (Kap. 31);

3. fl-24 t’April 2007 u fil-granet u gimghat precedenti kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta (u cioe’ :

(a) madwar 28,820 pillola w nofs pillola, li fihom instabet is-sustanza MDMA;

(b) tlett pilloli, li fihom kien hemm is-sustanza MDMA w mCPP (li kellhom lewn isfar u rosa bis-sinjal tad-dollaru Amerikan fuqhom),

(c) kif ukoll 17.423 grammi ta’ trab abjad, li fih instabet is-sustanza MDMA, liema trab irrizulta li kienu pilloli imfarkin (u li minnhom setghu jinhargu 83 pilloli ohrajn) u dan minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika w dan kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha (Kap. 31) u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

4. matul il-perjodu sa’ hames snin qabel l-24 t’April 2007, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Rat illi l-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu dwar il-piena li ghandha tinghata lill-hati f’ dan il-kaz liema piena hija ndikata fir-rikors taghhom konguntiv fuq imsemmi;

Ikkonsidrat;

Illi r-reati taht l-ewwel zewg kapi tal-att ta' l-akkuza ghall-fini tal-piena huma assorbiti fir-reat taht it-Tielet kap, stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta jigi kommess ir-reat ta' pussess aggravat taht dan ir-raba' kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, konformement mad-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i) u l-proviso (aa) tal-Kap.101, u senjatament l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reati w c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba fir-rikors konguntiv fuq imsemmi huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7) 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), l-artikoli 40A, 120A(1)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B), 120B u 121A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolament 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985) ir-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Not. Tal-Gvern 292 ta' l-1939) u fl-artikoli 18, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati**, Jason Cassar, kif mitlub mill-partijiet a tenur tal-artikolu 453A tal-Kap. 9,** ghall-piena komplessiva ta' sittax (16) il-sena prigunerija w ghall-multa ta' hamsa w tletin elf Ewro

(Ewro 35,000), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ tlett elef, tmien mija w seba’ w disghin Ewro w erbghin centezmi (€3897.40), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------